MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 359/2005/1

**Marouska Cesare**

**Vs**

**Shaun Bonello**

B'sentenza tat-30 ta' Mejju 2014 il-Qorti tal-Appell hassret sentenza ta' din il-qorti li biha t-talbiet tal-attrici kienu gew michuda. Il-qorti qalet:-

***"…. Tilqa' l-ewwel talba attrici billi ssib li l-konvenut wahdu jahti ghall-incident li fih allegatament wegghet l-attrici; l-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz u tiddeciedi fuq it-tieni u t-tielet talba attrici"***.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Awissu 2004 gewwa Bahar ic-Caghaq li fih l-attrici, li kienet riekba fuq mutur misjuq minn certu Charlot Spiteri, sofriet griehi li wasslu ghal debilita' permanenti. Fadal li jigu likwidati d-danni[1]. Mis-sottomissjonijiet li saru mid-difensuri waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 irrizulta li d-dizgwid li hemm bejn il-kontendenti jirrigwarda l-multiplier.

1. **<u>Damnum Emergens</u>** –

€151.41 dovuta ghar-rapport *ex parte* ta' Mr Carmel Sciberras (ara ricevuta MC2).

2. **<u>Lucrum Cessans</u>** –

**Rata ta' debilita** – 15% skond rapport tal-perit mediku Mr Charles Grixti, b'dan li qal ukoll li l-attrici ghandha bzonn *"…. Operazzjoni ohra biex titnehha l-virga tal-femur tal-lemin u ladarba din titnehha w allura telimina r-riskju ta' infezzjoni minn bacteremia, d-dizabilita' permanenti ta' Marouska Cesare mbaghad tinzel ghal 10% (ghaxra fil-mija)"* (fol. 185). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li d-decizjoni hi tal-pazjent dwar jekk ghandhiex tghaddi mit-tieni operazzjoni. Hu evidenti li l-operazzjoni biex titnehha l-virga m'huwiex intervent li jrid isir bilfors. Minn dak li xehed l-espert mediku (seduta tal-4 ta' Dicembru 2008, fol. 195) hu evidenti li hu ta persentagg ghal fatt li l-attrici ghandha virga tal-hadid f'saqajha u din tista' twassal ghal infezzjoni. Jidher li l-fehma tal-konsulent mediku tal-attrici[2] hi fis-sens li l-virga titnehha biss f'kaz ta' bzonn (ara deposizzjoni fis-seduta tad-9 ta' Frar 2009, fol. 202). Spjega wkoll li 'l fatt li l-pazjent jista' jaqbdu nfezzjoni jekk il-virga ma titnehhiex, m'hijiex gustifikazzjoni ghalfejn ghandu jsir l-intervent; *"…. kif qed nghidu mhux infezzjoni biss irridu niehdu in konsiderazzjoni. 'Il fatt li jistghu jinqalghu komplikazzjonijiet jekk jitnehha l-pin ukoll. L-infezzjoni tista' tigi anke wara li jitnehha l-pin"* (fol. 204).

Fic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni dwar x'ghandu x'ghandu jsir. Wara kollox l-espert mediku stess esprima l-fehma li *"…… l-ahjar persuna li tirrakomanda dan huwa l-istess persuna li jopera fl-ewwel instance, jigifieri s-surgeon taghha"* (fol. 196).

---

[1] *"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici anke permezz ta' perit nominand.*
*3. Tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attrici ai fini tat-tieni talba attrici"*.

[2] Fir-rapport mediku tal-5 ta' Frar 2005 (fol. 10), Mr Carmel Sciberras ikkonkluda li l-attrici ghandha debilita ta' 16%.

Meqjus ukoll il-fehma li esprima Mr Carmel Sciberras, il-qorti ser taddotta r-rata ta' debilita' ta' 15%.

**Multiplier** – L-incident sehh fis-7 ta' Awissu 2004, meta l-attrici kellha tmintax-il sena. L-attrici tipproponi multiplier ta' 47 sena, cjoe' sakemm taghlaq 65 sena. Jekk il-qorti kellha taddotta dan il-multiplier ifisser li ma tkunx qeghda tikkunsidra l-incertezza li tezisti f'dan ir-rigward. Incertezza li tikber fejn fiz-zmien l-incident, bhal dan il-kaz, il-midruba tkun ghadha zaghzugha. Fic-cirkostanzi l-qorti ser taddotta multiplier ta' **34 sena**.

**Qliegh** – L-attrici ssostni li l-kalkoli ghandhom isiru fuq qliegh ta' €8,152.81[3]. Waqt is-sottomissjonijiet li saru fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 id-difensuri ddikjaraw li m'hemmx kontestazzjoni dwar dan il-punt u f'kull kaz zgur li l-pretensjoni tal-attrici m'hijiex ezagerata meta tqies it-tul ta' zmien li fuqu jrid isir il-kalkolu. Ghaldaqstant il-kalkoli ser isiru fuq qliegh ta' **€8,152 fis-sena**.

**Lump sum Payment** – L-incident sehh fis-7 ta' Awissu 2004. L-attrici pprezentat il-kawza fid-19 ta' April 2005. Il-kawza qeghda tigi deciza disa' (9) snin wara. Fil-fehma tal-qorti m'ghandux ikun hemm tnaqqis.

Ghaldaqstant, id-danni huma:-

€8,152 x 34 sena x 15% = **€41,575.2** + €151.41 = **€41,726.61.**

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi:**

1. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' wiehed u erbghin elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u wiehed u sittin centezmu (€41,726.61).**

[3] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-21 ta' April 2010 fejn jinghad: *"Illi l-esponenti tikkontendi li ghandu jigi kkunsidrat 'il fatt illi l-esponenti ghadha ta' eta' ferm zghira u ghalhekk kellha certament potenzjal li matul iz-zmien hija zzid l-introjtu taghha. Minhabba f'hekk jiena nahseb li l-ammont annwali bhala introjtu ghandu jizdied minn dhul annwali ta' €6,526.35 (Lm2,801.76) ghas-somma ta' €8,152.81 ekwivalenti ghal Lm3,500)".*

2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' wiehed u erbghin elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u wiehed u sittin centezmu (€41,726.61), bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------